MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Numru. 376/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs.**

**Charles Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Charles Farrugia**, ta' erbgha u tletin (34) sena, iben Lawrence u Mary Grace neé Sciberras, imwieled Pietà nhar it-3 ta' Lulju 1978 u residenti fil-fond No. 1, Triq Xandru Farrugia, Zejtun u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 321378(M) akkuzat talli:

1. fis-16 ta' April 2013 ghal-habta ta' bejn il-5.15 ta' filghaxija u l-9.45 ta' filghaxija, minn Triq tal-Barrani, Zejtun, ikkommetta serq ta' vettura ta' l-ghamla Toyota Hiace ta' lewn abjad bin-

numru tar-registrazzjoni CUT 620, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-hin u bil-valur li m'huwiex izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' John Cutajar.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "DB 4" – *a fol.* 12).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 5).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

Semghet, fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2014, is-sottomissjonijiet finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni (*a fol.* 79 *et seq.*).

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 78) fejn il-Qorti kkoncediet lid-difiza zmien sas-26 ta' Dicembru 2014 sabiex, jekk trid, tipprezenta s-sottomissjonijiet finali taghha bil-miktub.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 86).

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet tad-difiza pprezentata fit-2 ta' Frar 2015 (*a fol.* 90 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2013, xehed il-parti leza **John Cutajar** (*a fol.* 27 *et seq.*) fejn spjega li huwa dulcier u jqum jahdem ghal xi s-2.00am. Jghid li wara li jmur id-dar, ihalli lill-martu biex ticcekkja d-dolcerija u biex issakkar il-vannijiet. Jghid li dakinhar tal-akkadut huwa mar jorqod kif jaghmel is-soltu ghall-habta tas-6/6.30pm u ghall-habta tad-9/l-10.00pm marret martu u staqsietu fejn kien il-*van* bin-numru ta' registrazzjoni CUT 620. Wara li qalilha li l-*van* kellu jkun fejn hallieh, qaltlu li dan ma kienx hemm. Mistoqsi meta gara dan, jghid: *"kien qisu ha jaqbad is-Sajf minghalija kien"* (*a fol.* 27). Jghid li l-Ghid il-Kbir kien ghadda ghax kien ghad kellu l-figolli fil-*van*. Mistoqsi jghid jekk kienx ilu li ghadda, wiegeb: *"Forsi kien ghadda xi tliet gimghat nahseb"* (*a fol.* 28). Mistoqsi dwar il-valur tal-*van*, jghid: *"Illum nahseb xi haga fuq l-elf"* (*a fol.* 28). Mistoqsi jghid jekk hux Euro jew Liri Maltin, wiegeb: *"Forsi Maltin?"* (*a fol.* 28). Mistoqsi jghid kemm jiswa, jghid: *"Forsi jtuk tnax-il mitt Euro?"* (*a fol.* 28).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Darren Buhagiar** (*a fol.* 30 *et seq.*) fejn spjega fiex kienu jikkonsistu l-investigazzjonijiet tieghu in segwitu tal-messagg li sema' mill-*control room* lil *units* tal-*mobile squad* fuq ir-*radio* tax-xoghol in segwitu ta' rapport li kien nsterq *van* minn Triq tal-Barrani, Zejtun. Jghid li dan il-*van* kien dak bin-numru ta' registrazzjoni CUT 620. Jghid li ghal xi l-11.30pm sema' messagg fuq ir-*radio* li s-suspettat kien qieghed isuq l-imsemmi *van* fil-vicinanzi taz-Zejtun. Jghid li gie nfurmat li dan il-persuna gie mwaqqaf u saret tfittxija mill-pulizija tal-*mobile squad*. Jghid li dan

is-suspettat kien l-imputat. Jghid: *"Ma kienx hemm sinjali ta' sgass u l-lock tal-bieba tan-naha tax-xufier ma kienitx tahdem"* (*a fol.* 31). Jghid li sar konfront bejn il-parti leza u l-imputat u li l-imputat skuza ruhu mal-parti leza. Jghid li minn tfittxija li saret fuq il-persuna tal-imputat, instabu s-segwenti: *shifting spanner*, imqass, *torch* zghir iswed u *mobile phone* Samsung. Jghid li l-ghada, cioé fis-17 ta' April 2013 ta struzzjonijiet sabiex issir tfittxija mir-residenza tal-imputat. Filwaqt li kkonferma numru ta' dokumenti li jirrizultaw fl-atti processwali, ezebixxa faxxikolu b'numru ta' ritratti u kif ukoll dikjarazzjoni, li gew immarkati bhala Dok. "DB 5" (*a fol.* 33 *et seq.)* u "DB 6" (*a fol.* 11) rispettivament.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-imputat qallu li kellu suspett fit-tfajla tieghu u ried imur isegwiha. Jghid li l-imputat kellu c-cwievet tal-*van* in kwistjoni. Jghid li ma rrizultax li x-*shifting spanner* li nstab fuq l-imputat ntuza in konnessjoni ma' dan il-kaz. Ikkonferma li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija u tahom spjegazzjoni anke fil-kors tal-investigazzjoni.

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 73 *et seq.*), jghid li l-parti leza kien qallu li dakinhar tal-akkadut ic-cwievet tal-*van* kienu jinsabu fl-*ignition*. Jghid li l-*parti leza* kien qallu li kellu xi problema fil-lokk tal-bieba li ma kienitx tissakkar. Jghid li l-imputat gie mwaqqaf mhux il-boghod minn fejn joqghod il-parti leza. Ikkonferma li l-*van* kien ilu fil-pussess tal-imputat ghal madwar siegha.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2013, xehed **PS 827 Edward Grech** (*a fol.* 44 *et seq.*) in segwitu tar-rapport imhejji minnu, liema rapport gie mhejji wara li nhar is-16 ta' April 2013 il-parti leza rrapporta l-Ghassa li xi hadd kien seraqlu l-*van* tieghu bin-numru ta' registrazzjoni CUT 620. Jghid li huwa ghadda messagg lid-

*Depot* li dan il-*van* kien *wanted* kif ukoll saret tfittxija fl-akwati. Jghid li aktar tard giet ricevuta informazzjoni li dan il-*van* kien intlemah f'tal-Barrani u b'hekk hu nforma lil tal-*mobile squad* biex jaghmlu l-*patrol* taghhom fl-akwati u li xi hin wara gie nfurmat li dan il-*van* kien instab. Jghid li hu mar fuq il-post u li l-imputat kien arrestat. Ezebixxa l-okkorrenza mhejjija minnu li giet immarkata bhala Dok. "EG 1" (*a fol.* 46 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2014, xehed **PS 826 Matthew Parnis** (*a fol.* 52) fejn ikkonferma li r-ritratti li jinsabu fil-faxxikolu mmarkat bhala Dok. "DB 5" (*a fol.* 33 *et seq.*) gew mehuda minnu. Jghid li dawn ir-ritratti gew mehuda minnu nhar is-17 ta' April 2013 in konnessjoni ma' ezamijiet fuq *van* bin-numru ta' registrazzjoni CUT 620.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "DB 3" – *a fol.* 8 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt (Dok. "DB 6" – *a fol.* 40), meta l-imputat gie mistoqsi jispjega x'gara dakinhar tas-16 ta' April 2013 meta nstab isuq il-*van* in kwistjoni, wiegeb li ried *lift* biex imur hdejn il-eks tfajla tieghu ghax kellu xi suspetti fiha pero ma sab lil hadd. Jghid li kien jingharaf kieku mar bil-vettura tieghu. Jghid: *"Inzertajt miexi fuq il-bankina, rajt van li kont naf li hu ta' Johnny tal-helu. In-naha tal-isteering kien in-naha tal-bankina u peress li hu van gholi stajt nara li kien ic-cwievet gol-ignition. Dak il-hin mohhi ma qies xejn hlief li mmur fuq il-post fejn kien hemm l-ex tfajla"* (*a fol.* 9). Jghid li gie mwaqqaf madwar siegha wara li ha l-*van*. Jghid li meta gie mwaqqaf kien vicin hafna tal-post minn fejn ha l-*van*. Mistoqsi jghid jekk hux minnu li seraq dan il-*van* in kwistjoni, wiegeb: *"Iva imma l-intenzjoni ma kinitx ta'*

*serq ghax li kieku kien serq kont nibqa' sejjer bih u mhux nirritornah"* (*a fol.* 9). Jghid li ghamel zmien jabbuza mid-droga.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'imputazzjoni ta' serq ta' vettura *ossia van* b'numru ta' kwalifiki. Mill-provi akkwiziti jirrizulta li dakinhar tal-akkadut l-imputat ried imur isegwi lit-tfajla tieghu peress li kellu xi suspetti fiha u li wara li ma rnexxilux jiehu *lift* ma hadd, hekk kif ra l-*van* tal-parti leza bic-cwievet fl-*ignition* iddecieda li jidhol fih, isuqu u jmur fejn kellu jmur.

Illi riferenza sejra ssir ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro"*
>
> (ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li effettivament kien l-imputat li ha l-*van* in kwistjoni dakinhar tal-akkadut u dana tghidu wara li qieset, fost l-ohrajn, dak li xehed PS 827 Edward Grech (*a fol.* 44 *et seq.*) meta qal li wara li tal-*mobile squad* gew infurmati biex jaghmlu l-*patrol* taghhom f'certu akwati, wara xi hin gie nfurmat li l-*van* kien instab u meta mar fuq il-post sab lill-imputat arrestat.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li anke fl-istqarrija (Dok. "DB 3" – *a fol.* 8 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, l-imputat jaghti spjegazzjoni ta' x'ghamel dakinhar tas-16 ta' April 2013 u ghala ghamlu.

Illi m'hemmx dubju ghalhekk li r-reat ta' serq addebitat fil-konfront tal-imputat gie sodisfacentement pruvat. Dwar il-kwalifiki li bihom jinsab akkuzat l-imputat, cioé bix-xorta tal-haga misruqa, bil-hin u bil-valur, dawn ukoll gew sodisfacentement pruvati *stante* li l-oggett in kwistjoni kien vettura li jiswa aktar

minn mitejn u tnejn tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94)[1] u li dak li gara gara bejn inzul u t-tlugh ix-xemx.

[1] Fil-verbal tas-seduta tal-20 ta' Jannar 2014 (*a fol.* 51) gie verbalizzat is-segwenti: *"Id-difiza minghajr ammissjoni ta' htija tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-istess imputat ma tikkontestax illi l-valur tal-vettura mertu ta' din il-kawza effettivament ma jeccediex l-ammont ta' Euro 2329.37"*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u kif ukoll il-kwalifiki addebitati lilu gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, il-mod kif dan ir-reat gie mwettaq mill-imputat u l-fedina penali tal-imputat (Dok. "DB 2" - *a fol.* 7) minn fejn jirrizulta li l-imputat diga gie misjub hati tar-reat ta' serq u gie applikat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tieghu. Il-Qorti mhijiex tal-fehma li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat u thoss li jkun utili li l-imputat jinghata cans li permezz tieghu jaghraf li dak li ghamel huwa hazin u jaghraf ma jergghax jirrepetih altrimenti jkun hemm konsegwenzi serji. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat ghall-perjodu ta' prigunerija liema perjodu ser ikun sospiz.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(c), 261(f), 261(g), 267, 270, u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Charles Farrugia hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu [bil-kwalifiki tax-xorta tal-haga misruqa, bil-hin u bil-valur] u tikkundannah ghal perijodu ta' hmistax (15) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigi sospiz ghal perjodu ta' tlitt (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlitt (3) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------